12 ta' April, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Gammari Seychell

**Serq — Kwalifika tal-"Post" — Dockyard — Art. 282 (d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Biex ir-reat ta' serq ikun aggravat bil-kwalifika tal-post fuq il-motiv illi jkun gie kommess "f'maħżen jew tarznar tal-Gvern, jew f'lok ieħor ta' depożitu li qiegħed għall-kumdità tal-pubbliku", dak il-post ma jridx ikun qiegħed għall-kumdità ta' nies partikulari biss; u l-Gvern li għalih tirriferixxi l-liġi fejn tikkontempla dik il-kwalifika huwa l-Gvern Ċivili.*

*Għaldaqstant serq kommess fid-Dockyard ma hux aggravat b'din il-kwalifika, għaliex id-Dockyard ma hux post li qiegħed għall-kum-*

*ditá tal-pubbliku, u anqas ma huwa maħżen jew tarznar tal-Gvern Civili.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-22 ta' Jannar 1948, li biha dana Seychell ġie misjub ħati ta' serq aggravat bil-persuna u bil-post, ta' żewġ liri flus, u ġie liberat taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 Kap. 12; u talab il-ħelsien tiegħu minn dik l-imputazzjoni, previa revoka tad-deċiżjoni li sabitu ħati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi deher mill-provi li tant il-misruq kemm l-imputat jaħdmu d-Dockyard, u għandhom il-kaxxa tagħhom ħdejn xulxin fil-post fejn jaħdmu u jinżgħu. Fil-ġurnata in kwistjoni lil Buttigieg naqsuh żewġ liri, jiġifieri lira karta blue, nofs lira karta vjola, u nofs lira karta ta' Malta;

Lill-imputat ix-xhieda kienu rawh ħdejn il-kaxxa ta' Buttigieg, iżda din il-Qorti ma hix inklinata li tagħti importanza lil dik iċ-ċirkustanza, għal'ex anki fil-kwadru taċ-ċirkustanzi l-oħra tibqa' sommament ekwivoka, inkwantokkè Seychell, jekk ried joqgħod ħdejn il-kaxxa tiegħu, bilfors kien ikun anki ħdejn il-kaxxa ta' Buttigieg;

Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, hemm dawn iċ-ċirkustanzi li jikkomprovaw illi l-awtur tas-serq kien verament l-imputat, ċjoè..............;

*Omissis:*

Din il-Qorti hi għalhekk persważa li dawk il-flus karta, misjuba fil-pussess ta' l-imputat, kienu dawk li naqsu lil Buttigieg, u l-pussess tagħhom f'dawk iċ-ċirkustanzi huwa prova soddisfaċenti tas-serq;

Id-difiża, bħala punt ta' liġi, osservat illi, peress li l-kwalifika tal-"persuna" hija dik ta' l-inċiż (d) ta' l-art. 281 Kap. 12 (jiġifieri meta s-serq isir minn ħaddiem fil-post li fih ikun daħal minħabba l-impjieg tiegħu), għalhekk il-kwalifika tal-"post" hi assorbita fiha;

Il-kwalifika tal-"post" hi però eskluża għal raġuni oħra. Infatti dina hija dedotta taħt l-art. 282 (d) idem, li jikkuntempla l-każ ta' serq li jsir "f'maħżen jew tarznar tal-Gvern, jew f'lok ieħor ta' depożitu li qiegħed għall-kumdità tal-pub-

liku''. Issa, f'dan il-każ, li store ma kienx għall-kumdità tal-pubbliku, imma ta' dawk il-ħaddiema partikulari biss, u għal-hekk it-tieni parti ta' l-inċiż ma hix applikabili. Kwantu għat-tieni parti, li store in kwistjoni hu ta' l-awtoritajiet navali, mentri l-liġi ssemmi l-"Gvern". Issa, meta wieħed isegwi l-interpretazzjoni tal-"ejusdem generis", isib illi, meta fil-Kodiċi ssemma l-Gvern, il-liġi dejjem intendiet il-Gvern Ċivili biss. Hekk, biex wieħed isemmi xi wħud mill-artikoli l-oħra, l-art. 4, il-proviso ta' l-art. 5, l-intestatura tat-Titolu I Taqsima I tal-Kodiċi, l-art. 60, 61, 71, 619 (2), 635 (2), u oħrajn;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, biss fis-sens li tneħħi l-aggravanti tal-post, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens ta' din l-esklużjoni; iżda tikkonfermaha filli sabet lill-imputat ħati ta' serq ta' żewġ liri flus, aggravat bil-kwalifika tal-persuna; u f'dan is-sens tiċħad l-appell. L-imputat għandu jobliga ruħu skond dak l-artikolu.